It-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2006

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI TAL-PARLAMENT
Emenda 57	
Artikolu 13, punt 8 a (ġdid)	
	(8a) linji gwida għat-twaqqif u l-interkonnessjoni ta' twissija bikrija u sistemi ta' allarm kif ukoll għall-informazzjoni u t-taħriġ taċ-ċittadini dwar kif għandhom jirreaġixxu f'sitwazzjoni ta' emerġenza.
Emenda 58	
Artikolu 14, paragrafu 1	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit fl-Artikolu 13 tal-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Reazzjoni Rapida u Preparament għal emerġenzi kbar.	1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit fl-Artikolu 13 *ta' l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi strument finanzjarju tal-protezzjoni ċivili****, li għandu jinkludi rappreżentanti ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali.***
Emenda 59	
Artikolu 15, paragrafu 1	
	Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport kull sena dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li juri l-valur miżjud ta' l-azzjoni Komunitarja għaċ-ċittadini ta' l-UE u b'mod speċjali għal dawk affettwati.
Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni kull tliet snin mid-data tan-notifika tagħha u tibgħat il-konklużjonijiet ta' din il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	Il-Kummissjoni għandha tivvaluta ***wkoll*** l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni kull tliet snin mid-data tan-notifika tagħha u tibgħat il-konklużjonijiet ta' din il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

P6_TA(2006)0435

Miżuri ta' implimentazzjoni (livell 2) għad-Direttiva dwar it-"Trasparenza"

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar miżuri ta' implimentazzjoni 'bulk' għad-Direttiva dwar it-Trasparenza

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat [1],

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni li tistabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE, ippubblikata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni kkonferiti fuq il-Kummissjoni [2], hekk kif mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 [3],

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kummissjoni Prodi lill-Parlament fil-5 ta' Frar 2002,

[1] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.
[2] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[3] ĠU L 200, 22.7.2006, P. 11.

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-servizzi finanzjarji ([1]),

— wara li kkunsidra l-emendi proposti għall-abbozz ta' Direttiva tal-Kummissjoni li tistabilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE adottati mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji fl-10 ta' Ottubru 2006,

— wara li kkunsidra t-tweġiba mill-Kummissjoni għal dawk l-emendi proposti, li ġiet mgħoddija lill-Parlament permezz ta' ittra fit-18 ta' Ottubru 2006, indirizzata lir-rapporteur u liċ-chairwoman tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet ta' l-ECOFIN tal-5 ta' Mejju 2006, li jenfasizzaw l-importanza tas-superviżjoni, il-koordinazzjoni u l-konverġenza fi ħdan l-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis il-limiti tas-setgħat mogħtija lilha permezz tad-Direttiva 2004/109/KE, skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tat-Trattat, sabiex tiżgura ċertezza legali għal atturi fis-suq finanzjarju;

2. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li l-abbozz ta' miżuri ta' implimentazzjoni huma soluzzjoni li tista' taħdem sabiex jinkisbu l-objettivi ta' kundizzjonijiet ta' operazzjoni mtejba għal atturi fis-suq finanzjarju kif ukoll ta' swieq finanzjarji effiġjenti, trasparenti u sikuri fl-Unjoni Ewropea;

3. Jisħaq li x-xogħol li twettaq mill-Parlament minn meta ġew ippubblikati l-miżuri ta' implimentazzjoni ġie stimulat peremzz tal-ħtieġa li jiġu rispettati dawk id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn il-kisba ta' riżultat bilanċjat bejn il-kompetizzjoni u t-trasparenza għas-swieq finanzjarji, partijiet interessati (azzjonisti, emittenti u utenti), awtoritajiet regulatorji u rappreżentanti eletti demokratikament;

4. Jilqa' l-ħeġġa li wriet il-Kummissjoni biex taħdem mal-Parlament sabiex jinkiseb l-aħjar riżultat possibbli għall-partijiet kollha konċernati; ifakkar il-ħtieġa li l-Parlament jiġi involut u informat mill-aktar stadji bikrija bix-xogħol preparatorju fuq il-miżuri kollha tal-Livell 2;

5. Jinnota li l-proċedura li tirrigwarda l-kompletar ta' miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva 2004/109/KE hija kważi mingħajr preċedent, fid-dawl tal-mod ta' kif tiżviluppa normalment il-leġiżlazzjoni ta' l-UE; jiġbed l-attenzjoni, għaldaqstant, għall-ħtieġa li jinkiseb riżultat li b'mod reċiproku ikun sodisfaċenti għall-istituzzjonijiet kollha sabiex ir-relazzjoni interistituzzjonali tiġi żviluppata f'direzzjoni pożittiva;

6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'mod effettiv timmonitorja l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali ta' kontabilità u verifika sabiex ikun żgurat fehim konsistenti tal-livell ta' assigurazzjoni li l-investituri jistgħu jistennew minn reviżjoni ta' l-awdituri ta' rapporti finanzjarji ta' nofs is-sena, jekk dawn isiru;

7. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis jekk id-definizzjoni tal-kontenut minimu tas-sensiela mqassra ta' stqarrijiet finanzjarji ta' nofs is-sena għandhiex tkun riveduta meta ma tkunx preparata skond l-Istandards Internazzjonali ta' Kontabilità;

8. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li tinħoloq proċedura effettiva ta' notifika għas-superviżjoni ta' attivitajiet ta' twettiq tal-kummerċ;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkoraġixxu lill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej biex jibni netwerks adegwati sabiex jillimitaw il-piż ta' l-iskambju ta' informazzjoni li jaqa' fuq il-parteċipanti fis-suq;

([1]) ĠU C 284 E, 21.11.2002, p. 115.

It-Tlieta, 24 ta' Ottubru 2006

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħti każ partikulari lill-aspettattivi neċessarji ekwivalenti ta' kumpaniji ta' mmaniġġjar u ditti ta' investiment ta' pajjiżi terzi, u tiżgura li dawn id-ditti b'mod ċar jippreżentaw l-identifikazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tagħhom jew, jekk mhumiex regolati, jistqarru din l-informazzjoni b'mod ċar;

11. Jesprimi l-ħtieġa li l-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi meta jistabilixxu standards minimi għat-tifrix ta' informazzjoni għall-pubbliku;

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-istandards għal tifrix effettiv ta' informazzjoni;

13. Jaċċetta l-miżuri ta' implimentazzjoni;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi r-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Ewropew tar-Regolaturi tat-Titoli.

P6_TA(2006)0436

Miżuri ta' implimentazzjoni (livell 2) tad-Direttiva dwar il-Prospett

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar standards ta' kontabilità użati minn emittenti ta' pajjiżi terzi u l-ekwivalenti tagħhom lill-IFRS kif imsemmija fl-abbozz tal-miżuri ta' implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Prospett u d-Direttiva dwar it-Trasparenza (abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 rigward l-istandards ta' kontabilità skond kif inhi mfassla l-informazzjoni storika li tinsab fil-prospetti, u l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-użu tat-titoli ta' l-informazzjoni minn emittenti tal-pajjiżi terzi ppreparati skond l-istandards ta' kontabilità aċċettati b'mod internazzjonali)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta t-titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew huma ammessi għall-kummerċ [1], b'mod partikulari l-Artikolu 7(1),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat [2], b'mod partikulari l-Artikolu 23(4) tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards internazzjonali ta' kontabilità [3],

— wara li kkunsidra l-abbozz tar-regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament (KE) Nru 809/2004 rigward l-istandards ta' kontabilità skond kif inhi mqassma l-informazzjoni storika li tinsab fil-prospetti,

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' l-emittenti tat-titoli ta' informazzjoni tal-pajjiżi terzi ppreparati skond standards ta' kontabilità aċċettati b'mod internazzjonali,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni [4], kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/512/KE tas-17 ta' Lulju 2006 [5]

---

[1] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.
[2] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.
[3] ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.
[4] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[5] ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11.